Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Novembru 2022 — Ħarġa Nru 25

Kumitat 2020

President
Adrian Schinas
Viċi-President
Valent Xuereb
Segretarju
Nardu Agius
Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell
**Teżorier**
Angele Xuereb
**Assistent Teżorier**
Owen Caruana

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

L-attività organizzata mill-Għaqda fl-aħħar ta' Ottubru kienet suċċess, grazzi għal attendenza numeruża tagħkom il-membri u ħbieb oħra. Dan jimla lil Kumitat bil-kuraġġ li jkompli jorganizza ħarġiet oħra, kif fil-fatt qed jippjana.

Bħalissa qed jinħadem programm għat - tliett xhur li ġejjin, imma wkoll ħsibijiet oħra qed jinħemgħu għax-xhur sa Ġunju tas-sena 2023. Il-preparazzjonijiet għal ħarġiet f' Ħal Għaxaq, f' Ħaż-Żabbar u fis-Siġġiewi mexjin sew . Bħas-soltu, aktar tagħrif jingħata fil-ħin propiżju permezz ta' Ċirkolari maħruġa mis-Segretarju.

Mill-ġdid, f'isem il-Kumitat nirringrazzjakom tal-koperazzjoni li qed tagħtuna

**N. Gingell**
*Għal Kumitat*

**ATTIVITAJIET LI L-KUMITAT QED JIFFINALIZZA:-**

- **Novembru : Ħal-Għaxaq**
- **Diċembru : Is-Siġġiewi**
- **Jannar : Ħaż-Żabbar**

**IMMA KOLLOX JISTA JINBIDEL SKONT IĊ-ĊIRKOSTANŻI**

## Il-Knisja ta' San Andrija - Ħal Lija



Aktarx kienet waħda mill-eqdem li kien hemm u li kienet l-aktar iffrekwentata min-nies li kienu joqogħdu f'dawk l-inħawi.

Mons. P.Dusina jgħidilna li sab il-knisja ta' San Andrija la kellha piżijiet u lanqas xi dħul ieħor finazjarju. Għalkemm kellha bieb tal-injam, artal u paviment imma ma kelliex rettur.

Meta Mons. Pietru Dusina żar Ħal Lija fl-1575 kien sab mat-tlettax-il kappella, fosthom dik iddedikata lil San Andrija.

Innota wkoll li l-artali laterali ma kinux miżmuma fi stat tajjeb u għalhekk ord-na biex ma jsirx quddies fihom.

## Il-Knisja ta' San Andrija - Ħal Lija

Sab ukoll li d-dfin kien isir f'ħofra kommuni u għalhekk ordna li l-art tal-knisja tinqala' u jsiru oqbra deċenti fejn seta' jsir dfin sewwa.

Imma jidher li wkoll dak iż-żmien din il-knisja kienet tgawdi ċerta stima għaliex kien f'din il-knisja li Mons. P. Dusina waqqaf il-fratellanza tas-Sagrament.

Dak iż-żmien in-nies ta' Ħal Lija kienu talbu lil Mons. P. Dusina sabiex ir-raħal tagħhom isir parroċċa għalih u jinqata' minn ma' Birkirkara, imma din it-talba ma ġietx milqugħa.



Il-knisja li naraw illum inbniet fl-1628 kif tixhed kitba li hemm minquxa fuq it-tieqa li hemm fil-faċċata tagħha. Għandha għamla rettangolari bi ftit li xejn dekorazzjonijiet **b'saqaf troll** bix-xorok li jgħaqqdu disa' ħnejjiet li jserrħu fuq ċinta li ddur mal-knisja.



Kellha **kwadru titulari** t'awtur mhux magħruf li juri lil **San Andrija wieqaf jistrieħ ma' salib** f'forma ta' X u fil-parti ċentrali in-naħa ta' fuq tidher it-Trinità Mqaddsa.

Matul il-gwerra serviet biex jistkennu fiha refuġjati. Il-knisja għamlet xi żmien mitluqa. Bdiet tintuża għat-tagħlim tad-dutrina. It-tfal li kienu jkunu ser jagħmlu l-ewwel tqarbina kienu joħorġu f'purċissjoni minnha sal-parroċċa. Għal xi żmien serviet biex jinżamm armar tal-festa.





Fl-1954/55 kien sarilha xi tibdil sabiex setgħet isservi bħala sala parrokkjali, fejn fiha kienu jsiru xi reċti u jintwerew xi films.

Fi żmien il-kappillan Dun David Gauci din il-knisja tnaddfet u sarilha restawr li għen biex terġa' tikseb lura s-sbuħija tagħha. Nhar it-30 ta' Novembru 2014 saret quddiesa mmexxija mill-Arċisqof Charles J. Scicluna u dakinhar reġgħet ġiet imbierka.

Preżentament qed isservi għal adorazzjoni tas-Sagrament.

***Kitba ta' Louis Fenech***

*Din il-**kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

*Ritratti: N Gingell*

# Il-Knisja ta' San Pietru – Ħal Lija



Il-knisja ta' San Pietru li naraw illum inbniet fl-1728, aktarx minflok oħra li kien hemm. Meta Mons. Pietru Dusina żar Ħal Lija fl-1 ta' Frar 1575 sab kappella ddedikata lil dan il-qaddis u li kellha artal wieħed u bibien tal-injam. Theramus Vassallo kien jieħu ħsieb li jsiru l-vespri u l-quddies nhar il-festa.

Iżda meta l-Isqof Baldassere Cagliares żar din il-kappella fl-1615 sabha fi stat t'abbandun u pprofanaha. Kienet bil-ħidma ta' Dun Zaccharia Sammut, li ħa ħsieb idurha, u reġgħet fetħet fl-1618.



Il-knisja għandha stil Joniku, fuq erba' pilastri li fuqhom hemm il-koppla bil-lanterna. Fuq il-bieb prinċipali hemm gwarniċa skulturata u fuqu hemm tieqa tonda, b'żewġ armi tal-papa identiċi fuq kull naħa, b'zuntier żgħir idawwar din il-knisja. Fil-ġenb tagħha fuq ġewwa hemm sagristija.



Il-knisja għandha artal prinċipali tal-irħam, li fuqu hemm pittura ta' **Kristu qed jippreżenta l-imfietaħ tal-Knisja lil San Pietru b'xi appostli oħra fl-isfond, xogħol tal-pittur Francesco Zahra.** Fuq kull naħa tat-titular hemm żewġ kwadri oħra; wieħed juri **qtugħ ir-ras ta' Oloferne minn Ġuditta** u l-ieħor **il-qtil tal-Innoċenti.**





Matul l-Ewwel Gwerra is-sorijiet Dumnikani ġew



Ħal Lija bi stedina tal-Kappillan Dun Vincenz Curmi li ħa ħsieb jixtri dar fi Triq il-Kbira biex ikollhom fejn joqogħdu, li aktar tard nifduha mal-knisja ta' San Pietru.

Bil-għajnuna tal-Kappillan tagħhom Dun Baskal Grech saru ħafna opri f'din il-knisja. Fil-5 ta' Marzu 1925 ġie inawgurat artal maġġur tal-irħam minflok dak tal-ġebel. Sar ukoll paviment tal-irħam u erba' niċeċ iddedikati lil San Ġużepp, il-Madonna, San Duminku u Santa Rita.

Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fit-18 ta' Mejju 1946.

F'Corpus tal-1949 ġie inawgurat artal laterali tal-irħam iddedikat lil Madonna ta' Pompej. Fl-10 ta' Novembru 1950 ġie inawgurat il-kampnar li nbena fuq disinn tal-Perit Diacono fi żmien il-Kappillan Dun Karm Lija.



*Madonna tar - Ruzarju*

Din il-knisja laqgħet fiha r-rifuġjati waqt l-aħħar gwerra u serviet ukoll sabiex fiha jsir it-tagħlim tad-dutrina lit-tfal. Il-knisja kienet isservi ukoll biex isiru rtiri għax-xebbiet tal-Azzjoni Kattolika.

*Ritratti: N Gingell*

***Kitba ta' Louis Fenech***

*Din il-**kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

## Il-Knisja l-Qadima Tas-Salvatur – Ħal Lija



*Is -Salvatur il-qadima,*

*artist Michele Bellanti_inka u watercolour, 1825*

Meta Mons. Pietru Dusina żar lil din il-knisja fl-1575 sab li kienet fi stat ħażin, la kellha renti, la dħul minn xi fondi u lanqas rettur. Għalkemm kienet l-akbar waħda fost il-knejjes li kien hemm, xorta ma għażilhiex biex taqdi l-ħtiġijiet spiritwali ta' missirijietna, għalkemm kien hemm Franġisku Agius li kien jieħu ħsieb jorganizza l-festa u jqassam xi ikel.

Ħal Lija saret parroċċa fis-6 ta' Frar 1594 meta l-Isqof Tumas Gargallo qiegħda taħt il-ħarsien tat-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù – is-Salvatur kif insibuha aħna l-Maltin (festa liturġika 6 t'Awwissu). Din il-knisja serviet bħala knisja parrokkjali għal madwar mitt sena.

Tajjeb ngħidu wkoll li darbtejn serviet ta' knisja parrokkjali meta kien qiegħed isir xogħol ta' manutensjoni tal-knisja parrokkjali bejn is-7 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju 1928, u darb'oħra mit-13 sad-29 ta' Mejju 1953.

## Il-Knisja l-Qadima Tas-Salvatur – Ħal Lija

Il-knisja li naraw illum kellha korsija waħda iżda ftit wara li saret parroċċa nbnew il-korsiji laterali u sagristija. Biex sar dan it-tkabbir fl-1610 twaqqgħet knisja ddedikata lil San Bastjan u Santu Rokku, li kienet inbniet b'wegħda żmien il-pesta tal-1592/3. Din il-ġrajja hi mfakkra f'din il-knisja b'artal bi prospettiva sabiħa bi kwadru li juri l-**Madonna flimkien ma' San Bastjan u Santu Rokku.** Inti u dieħel mill-bieb laterali wieħed jinnota l-forma tal-bieb kollu skultura biex juri fejn kienet il-knisja li twaqqgħet. Il-knisja **għandha l-ewwel koppla bit-tambur għoli u erba' twieqi biex jagħtuha d-dawl.**



*Koppla minn barra*



Għandha **artal maġġur tal-ġebel** u fuqu hemm prospettiva skolpita tassew sabiħa li tindika li hi xogħol Tumas Dingli bi **kwadru titulari li juri t-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù** – b'Ġesù fin-nofs, flimkien ma' Elija u Mosè fuq it-Tabor, u taħthom jidhru t-tliet Appostli. Il-presbiterju hu mdawwar bil-balavostri.



***Trasfigurazzjoni ta' Ġesù***

Fil-knisja kien isir id-dfin u għadhom jidhru madwar 133 qabar u kollha nnumerati.

Il-knisja ġiet restawrata aktar minn darba u saret tintuża għall-diversi attivajiet mill-għaqdiet tal-parroċċa. Attività li hi magħrufa sew mal-Maltin hi l-Mejda tal-Appostli bi stil Lhudi li tintrama fiha fil-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Id-dehra tal-knisja minn barra hi sabiħa wkoll: b'għadd ta' siġar taż-żebbuġ li hemm fi speċi ta' ġnien li hemm madwarha.

F'din il-knisja jisanbu għadd ta' pitturi antiki li bħalissa qed jiġu restawrati.



***Madonna flimkien ma' San Bastjan u*** *Santu Rokku*

***Kitba ta' Louis Fenech***

*Din il-**kitba saret fuq riċerka minn diversi kotba**, artikli u mill-Internet.*

*Ritratti: N Gingell*

## TERMINI TAL-ARKITETTURA EKKLESJASTIKA

*Kitba Martin Morana*



**MANERIŻMU** Stil ta' arti u arkitettura li żviluppa mill-istil Rinaxximentali. L-arti u l-arkitettura Manerista kien ipprattikat minn xi artisti famużi, fosthom Michelangelo, bejn l-1560 u l-1600. F'dan l-istil il-periti issa ma baqawx iżommu fuq il-linji riġidi tar-Rinaxximent marbuta mal-arkitettura Klassika. Minflokk dawn bdew jisperimentaw bil-ġeometriċi tal-faċċata tal-binja. F'Malta, Gerolamo Cassar bena l-knisja konventwali ta' San Ġwann bi stil ta' Manerizmu sempliċi.

**MENSULA** Kelma oħra għal kileb jew saljatura. L-iskop tal-mensula hu li fuqha jserraħ ħaġar ieħor, tiela l-fuq. Ing. *bracket console*.



**MIŻIEB / QATTARA** (pl. imwieżeb). Ħaġra ġejja għat-tul b'kanal imħaffer ġo fiha u maħruġa 'l barra mill-binja li sservi biex l-ilma tax-xita li jinġabar fuq il-bejt jiskula minnha u jinżel dritt fl-art u 'l barra mill-ħajt tal-binja, flok ma jċarċar mal-ħajt.



**NAVA / NAVATA** L-ispazju fit-tul ta' bejn il-kolonni laterali u l-altari tal-ġnub fil-knisja. Dan l-ispazju jservi wkoll ta' passaġġ jew kuritur. In-nava tibda min-naħa tal-bieb ta' barra sal-presbiterju jew sal-kappellun traversali. L-istruttura intera hi n-navata.

**NEO-GOTIKU** Stil ta' arkitettura li f'Malta kien popolari fit-tieni nofs tas-seklu dsatax. Kienu l-Ingliżi li introduċew dan l-istil li ntogħġob minn xi periti Maltin. Saru diversi xogħlijiet fuq dan l-istil arkitettoniku. Giuseppe Bonavia kien iddisinja l-knisja tal-Karmelitani fil-Balluta. Luigi Galizija ddisinja l-arkitettura tar-reċint tad-daħla taċ-ċimiterju tal-Addolorata kif ukoll il-knisja ta' fuq l-għolja tal-Ħorr, fl-istess ċimiterju. F'Għawdex hemm il-Knisja tal-Madonna ta' Lordes f'Għajnsielem mibnija ukoll bl-istess mod.



*Ritratti: Joe Morana*